# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 18/16/1 AF**

**Gianni Attard**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, Kummisarju tal-Pulizija, Direttur Ġenerali tal-Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation**

1. Fis-seduta tal-24 ta' April, 2023, id-difensur tal-attur qajjem eċċezzjoni għar-rikuża tal-Prim Imħallef u tal-Imħallef Anthony Ellul:

> *"peress li din il-qorti kif komposta ġja ppronunzjat ruħha fil-kawża fl-ismijiet Ganni Attard vs Dr Frank Galea, u dan peress li x-xhieda kollha li ġew preżentati f'dawk il-proċeduri huma l-istess xhieda u provi li jiffurmaw il-meritu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk fl-interess tal-ġustizzja anke peress li dawn il-proċeduri b'rabta ma' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, jitlob li dawn il-proċeduri jiġu deċiżi minn din il-Qorti kif diversament komposta"*.

2. F'dik is-seduta l-Imħallef Caruana Demajo ppreżenta nota ta' astensjoni peress li kien membru tal-Qorti li tat is-sentenza li l-meritu tagħha jorbot ukoll dak tal-proċeduri tal-lum.

3. Fil-kawża tal-lum l-attur qiegħed jilmenta minn:

i. Aġir tal-pulizija minħabba allegat arrest illegali, bi ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Art. 34 tal-Kostituzzjoni;

ii. Ksur tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Art. 37 u 38 tal-Kostituzzjoni, meta l-awtoritajiet daħlu fi ħwejġu u qatlu nagħaġ li kienu fil-proprjetà tiegħu;

iii. Dik li rrefera għaliha bħala deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations, u jsostni li l-qtil tal-merħla ta' nagħaġ tikser il-jedd fundamentali protett bl-Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni;

iv. Sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tal-11 ta' Lulju, 2014 u tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawża 114/2012 fl-ismijiet <u>Ganni Attard v.</u>

Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation, li jiksru l-Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni;

4. Il-Prim Imħallef u l-Imħallef Anthony Ellul ma kinux membri tal-Qorti tal-Appell li fid-29 ta' Jannar, 2016, iddeċidiet l-appell fil-kawża 114/2012 fl-ismijiet Ganni Attard v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation.

5. Il-kawża l-oħra li għaliha rrefera l-attur fl-eċċezzjoni ta' rikuża, Ganni Attard v. Tabib Dr Frank Borda (20/15), kienet kawża ċivili fejn l-attur kien qiegħed jilmenta li l-konvenut kien naqas milli jirreġistralu merħla nagħaġ, liema nuqqas l-attur allega li wassal sabiex in-nagħaġ jinqatlu mill-awtoritajiet. F'dik il-kawża talab għall-ħlas tad-danni. L-attur kien appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tas-17 ta' Ottubru, 2017, li ċaħditlu t-talbiet. Il-Qorti tal-Appell kienet komposta *inter alia* mill-Prim Imħallef u l-imħallef Anthony Ellul. Madankollu dak l-appell kien ġie dikjarat deżert fis-27 ta' Ġunju, 2022, wara li l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-attur sabiex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament (Art. 904 tal-Kap. 12). Għalhekk ma ngħatatx sentenza dwar il-meritu tal-appell tal-attur u dik il-Qorti m'esprimietx ruħha dwar il-lanjanzi li huma l-

meritu ta' din il-kawża kostituzzjonali li fiha l-attur qiegħed jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali li ssemmew hawn fuq.

6. Il-fatt waħdu li x-xhieda fil-kawża Ganni Attard vs Tabib Dr Frank Borda (20/2015) setgħu tressqu bħala prova fil-kawża Ganni Attard v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation (114/2012), mhijiex waħedha prova li b'xi mod tista' xxellef jew tnissel xi dubju fl-imparzjalità tal-Imħallfin li dwarhom l-attur tal-eċċezzjoni ta' rikuża.

7. Madankollu l-Imħallef Anthony Ellul kien membru tal-Qorti tal-Appell li fil-4 ta' April, 2017, iddeċidiet talba għar-revoka tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2016, fl-appell Ganni Attard v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation (114/2012), minħabba li allega li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi (Art. 811(1)(e) tal-Kap. 12). Wieħed mill-ilmenti tal-attur fil-kawża tal-lum hi li fil-kors tal-kawża 114/2012 inkisirlu l-jedd għal smigħ xieraq u li l-liġi ma tagħtix poter li jinqatlu l-bhejjem. Fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell l-attur ukoll ilmenta li l-liġi ma tagħtix dak il-jedd lill-konvenut. Fiċ-ċirkostanzi hu floku li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallef Anthony Ellul.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjoni ta’ rikuża tal-Prim Imħallef Mark Chetcuti filwaqt li tilqa’ l-eċċezzjoni fil-konfront tal-Imħallef Anthony Ellul.

Spejjeż ta’ din id-deċiżjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da